# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum is-27 ta' Frar 2020**

Appell numru 186 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Albert SPITERI**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-16 t'April 2018 fil-konfront ta' **Albert SPITERI** karta tal-identità bin-numru 0027172M li ġie mixli talli (in suċċint) fis-27 ta' Lulju 2017 għall-ħabta ta' 18:30 fi Triq il-Wied, Il-Qrendi:

    i. B'nuqqas ta' ħsieb jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-porfessjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku ħaba ma serkin u involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' Ludvic Ghigo;

    ii. Talli b'nuqqas ta' ħsieb jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-porfessjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi

ħaġa minħabba f'hekk Ludvic Ghigo bagħta offiża gravi fuq il-persuna, li tkun ġabet konsegwenzi imsemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali skont kif iċċertifika Dr. Josef Mifsud;

iii. Talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;
iv. Talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża;
v. Talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;
vi. Talli naqas milli jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa meta kien ħiereġ għal fuq triq prinċipali.

Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll li l-ħati jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ikkonstatat li bi kliemu stess kien hemm nuqqas ta' proper look out minn naha tal-imputat meta qal li ħareġ biċċa żgħira, ma raħx, naqqas għax ħaseb li għamietu x-xemx. Qalet ukoll li l-proper lookout kien jidher ċar milli l-imputat ma waqafx dead stop u billi ma rax dak li kellu d-dover li jara. B'hekk :

   Tara l-ariklu 328d u b, Kap 65 Artiklu 15(1)(a) u 2, S.L. artiklu 76, ssibu hati ta' l-istess u tikkundannah multa ta' €1164.69 u sospensjoni tal-licenzji kollha tieghu ghal hmistax.

3. Illi Albert SPITERI appella mis-sentenza imsemmija fejn qabel xejn huwa ssolleva n-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi naqset milli tindika l-imputazzjonijiet illi kienet qegħda ssibu ħati tagħhom kif ukoll dawk li kienet qegħda tilliberah minnhom.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi minn qari tas-sentenza jirriżulta li l-appellant għandu raġun. Fis-sentenza tagħha il-Qorti tal-Maġistrati naqset milli ssemmi minn liema mis-sitt imputazzjonijiet hija kienet qegħda ssibu ħati

u minn liema kienet qegħda tilliberah u dan peress li kull ma tgħid fuq dan il-punt huwa *: l-ariklu 328d u b, Kap 65 Artiklu 15(1)(a) u 2, S.L. artiklu 76.* Dan jirrendi din is-sentenza ekwivoka għall-aħħar.

5. Inoltre anke jekk dik il-Qorti kienet qegħda tintendi li ssib lil-imputat appellant ħati tar-reati kollha addebitati lilu, jirriżulta wkoll li l-Qorti naqset milli ssemmi l-artikoli kollha tal-Liġi li joħolqu r-reati li taħthom setgħet issib ħtija in kwantu, ad eżempju, l-artikolu 8 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta li huwa l-meritu tat-tieni imputazzjoni tħalla barra. Dan minbarra l-fatt li r-riferenza għall-artikolu 328 saret mingħajr riferenza għall-liema Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta kienet qegħda tirreferi. Naturalment din il-Qorti tifhem li f'moħħha l-Qorti kellha l-Kodiċi Kriminali, iżda l-ġurisprudenza ma tippermettix lil din il-Qorti li tissuplimenta n-nuqqas fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati b'dak li għaliha, għalkemm ikun ovvju, ma jkunx jirriżulta mis-sentenza stess.

6. L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi li :

   > Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, ***għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat***.

7. Illum huwa *ius receptum* li tali nuqqas t'adeżjoni mar-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali huwa meqjus bħala nuqqas ta' formalita sostanzjali li jimporta n-nullita tas-sentenza appellata, li saħansitra jista' anke jitqajjem *ex officio.*

# *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tannulla s-sentenza appellata, u biex ma tipprivax lill-partijiet, u partikolarment lill-appellant mill-benefiċċju tad-*doppio esame,* qegħda tagħżel li tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tkun dik il-Qorti li terġa' tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid skond il-liġi.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***